MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Numru. 1046/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs**

**Ramirez Vella**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tnejn 26 ta' Jannar, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Aaron Cassar ta' 31 sena, bin Mario Vella u Maria Dolores Mifsud, imwieled nhar l-10 ta' Ottubru 1998, residenti Chrystel Building, No 7, Triq Guzepp Gonzi, Hal Tarxien u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 380198(M) talli :

Fit-23 ta' Ottubru 2014 11:45am u 12:10pm fil-hanut bl-isem Maypole fi Triq Hompesch, il-Fgura, Malta u seraq Ewro 1370 fi flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur u dan bi ksur tal-artikoli 261, 267, 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikoli 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u ghaldaqstant il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din giet sodisfacjentement ippruvata.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghedjinstab hati l-imputat, l-ammissjoni bikrija u l-kollaborazzjoni tieghu mal-pulizija, il-fedina penali tieghu li hija wahda netta u l-fatt li kif irrizulta mix-xhieda mismugha li l-ammont misruq thallas kollu lura lill-parte leza.

Illi tenut kont ta’ dan kollu, il-Qorti tqis li piena karcerarja zgur li mhix wahda idonea izda huwa aktar opportun li l-imputat jitqieghed taht ordni ta’ probation sabiex jigi segwit.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267, 268(d), 279(a), 280(1), 20 u 37(2) ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn millum u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------